# Il-Knejjes ta' Madwar il-Parroċċa Tagħna

## *minn Mathea Vassallo*




Hekk kif wieħed jasal wasla sal-gżira tat-tliet għoljiet, l-ewwel raħal li jilqgħu jkun, ir- raħal pittoresk ta' Għajnsielem. L-aktar li jkomplu jsebbħu dan ir-raħal huma bla dubju ta' xejn il-knejjes u l-kappelli li jagħtu miraġġ sabiħ fuq dan ir-raħal marvelluż.

Il-kappella ta' Lourdes tkun l-ewwel waħda li ssellem hekk kif wieħed jasal fil- port tal-Imġarr. Nsibuha tħares lejn il-port tal-Imġarr, hekk bħal qisha trid tfakkar li fuq dak il-ġmiel li jsaħħar, issaltan il-qawwa tal-Ħallieq. Hija mibnija fuq stil Gotiku. L- ewwel ġebla ta' din il-knisja tqiegħdet fl-10 ta' unju 1888 u ġiet miftuħa u mbierka fis-27 ta' Awissu 1893 u kkonsagrata fis-17 ta' Frar 1949.

Barra il-kappella ta' Lourdes insibu l-kappella ta' Santa Ċeċilja. Din tinsab bejn it-tarf ta' dan ir-raħal u l-bidu tax-Xewkija. Hija l-eqdem kappella mhux biss f'raħal tweliedna iżda f' Għawdex kollu. Insibu ħafna opri ikbar fosthom tlitt knejjes kbar.

Hekk kif titla' ftit 'l fuq mill-port ta' l-Imġarr wieħed jerġa' jiltaqa' ma' knisja oħra din id-darba taħt it-titlu ta' Sant Antnin ta' Padova. Fiha nsibu bosta pitturi mas-saqaf li ħarġu minn idejn ta' xi artisti magħrufa. Din il-knisja nsibuha mibnija taħt għamla ta' salib. Maġenb din il-knisja nsibu l-kunvent tal-patrijiet Franġiskani Minuri li jmexxu dan il-qasam.

L-aktar knejjes li jiddominaw fiċ-ċentru ta' dan ir-raħal huma bla dubju ta' xejn il-knisja l-qadima u s-santwarju tant devot bit-titlu glorjuż ta' Loreto.

Il-knisja l- qadima ilha tħares ir-raħal tagħna mis-seklu 19. Skond kif tgħid il-leġġenda naraw li missirijietna bnew din il-knisja fl-istess post fejn il-Madonna kienet uriet lil Anġlu Grech waqt li kien qed jisqi l-merħla tiegħu. Il- knisja l-qadima kif inhi magħrufa llum għandha għamla ta' salib Latin u mibnija fuq stil Doriku. Din il-knisja kienet lesta, fid-9 ta' Settembru 1820, dakinhar il-kwadru tat-titular tagħha tniżżel sollennament mill-knisja tan-Nadur għall-knisja t'Għajnsielem. Fiha nsibu wkoll bosta kwadri mpinġija, fosthom għandna erbgħa li ġew maħduma mill-pittur famuż Malti Ġużeppi Cali. Ma nistgħux ukoll ma nsemmux li din il-knisja fil-jiem sbieħ tal-festa tkun armata bid-damask aħmar. Kienu bosta l-Kappillani li taw is-sehem tagħhom f'din il- knisja. L-aħħar Kappillan u nista' ngħid ukoll l-ewwel arċipriet kien il-Kan. Espedito Tabone.

Raħal twelidna maż-żmien kompla jikber u l-knisja l-qadima ma baqgħetx tesa' biżżejjed l-popolazzjoni t'Għajnsielem. Hawn beda jinħass il-bżonn ta' knisja ikbar. Għalhekk missirijietna





reġgħu ħasbu biex jibnu tempju ikbar. Din kienet ukoll ix-xewqa l-kbira tal-kappillan Mizzi. Dan kien fis-seklu 20. Ix-xogħol fuq il-knisja l-ġdida dam sejjer madwar 55 sena. Ix-xogħol tal-bini tlesta taħt l-Arċipriet Espedito Tabone. Din il-knisja ġiet mogħtija t-titlu ta' knisja Arċipretali fis-sena 1965. Fl-aħħar il- poplu Għajnselmiż qata' xewqtu nhar is-27 t'Awissu 1978, meta dan is-santwarju taħt stil Gotiku Lombard ġie mbierek mill-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi. F'din il-knisja nsibu lill-Arċipriet preżenti il-Kan. Ġużeppi Zerafa bħala t-tieni Arċipriet tal-parroċċa u l-għaxar kappillan. Ta' min isemmi wkoll li dan l-Arċipriet kompla jarma l-knisja. Fost l-ewwel xogħol li daħal għalih kien l-invjar tal-knisja. Imbagħad kompla b'bosta opri sbieħ għal ġewwa bħall-ambone tal-kewkba li żżanżan għall-festa titulari tas-sena 1987, l-artali, l-orgni, l-kurċifiss kbir li nsibu wara l-artal, in-niċċa tal-Madonna tal-Loreto u l-linef li, saru riċenti.



Espressjoni ħelwa li jużaw it-turisti meta jiġu jżuru l-pajjiżna hi li ġewwa Malta wieħed jista' jsib numru ikbar ta' knejjes milli kemm hawn ġranet matul is-sena. F'dan il-kuntest, imsaħħaħ mill-fatt li pajjiżna għandu influwenza reliġjuża qawwija ħafna, nistgħu ngħidu li l-parroċċa tagħna hija eżempju klassiku ta' raħal tipiku Malti; b'numru sabiħ ta' knejjes li jaqdu l-ħtiġijiet reliġjużi tagħna b'mod adekwat.